**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

**2019/0142(NLE)**

6.11.2019

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar l-Allokazzjoni lill-Istati Uniti ta' Sehem fil-Kwota Tariffarja għal-Laħam taċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja msemmija fil-Memorandum ta' Qbil Rivedut Rigward l-Importazzjoni tal-Laħam taċ-Ċanga minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni Tat-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea
(10681/2019 – C9-0107/2019 – 2019/0142(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Herbert Dorfmann



*Magħquda fid-diversità*

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea ilhom mill-1989 involuti f'tilwima kummerċjali fit-tul dwar id-deċiżjoni tal-Unjoni li tipprojbixxi l-laħam ittrattat bl-ormoni. L-ewwel azzjoni mill-Istati Uniti fl-1989 imponiet tariffi ta' ritaljazzjoni permezz ta' dazju *ad valorem* ta' 100 % fuq ċerti prodotti tal-ikel, u dan id-dazju baqa' japplika sal-1996. It-tieni azzjoni tal-Istati Uniti fl-1999 reġgħet imponiet dazju *ad valorem* ta' 100 % fuq ċerti prodotti tal-ikel mill-Unjoni. Sal-lum, l-Unjoni tkompli tipprojbixxi l-importazzjonijiet ta' laħam trattat bl-ormoni u, fir-rigward tal-biċċa l-kbira tal-esportazzjonijiet tal-laħam lejn l-Unjoni, tirrestrinġihom għal kwantità limitata ta' importazzjonijiet ta' laħam taċ-ċanga li huma ċċertifikati bħala prodotti mingħajr l-użu ta' ormoni.

Matul is-snin, l-Istati Uniti u l-Unjoni ppruvaw isolvu din it-tilwima (DS 26 – "KE-Ormoni") permezz ta' serje ta' konsultazzjonijiet ta' tilwim, panels għas-sejba ta' soluzzjoni, proċedimenti ta' arbitraġġ, u appelli formali tad-WTO. L-aħħar waħda f'sensiela ta' deċiżjonijiet waslet f'Ottubru 2008 meta d-WTO ħarġet deċiżjoni mħallta li tippermetti lill-Istati Uniti li jkomplu s-sanzjonijiet kummerċjali tagħhom, iżda wkoll li tippermetti lill-Unjoni żżomm il-projbizzjoni tagħha.

F'Jannar 2009, l-Istati Uniti ħabbru l-intenzjoni tagħhom li jżidu t-tariffi fuq xi prodotti b'konnessjoni mat-tilwima. L-Unjoni qieset din l-azzjoni bħala eskalazzjoni tat-tilwima. F'Mejju 2009, wara sensiela ta' negozjati, l-Istati Uniti u l-Unjoni ffirmaw memorandum ta' qbil (MtQ) li daħħal b'mod gradwali ċerti bidliet fuq diversi snin sussegwenti. Bħala parti minn dak il-MtQ, l-Unjoni tat aċċess ġdid għas-suq lill-esportazzjonijiet tal-laħam taċ-ċanga tal-Istati Uniti li jkun ġej minn annimali mrobbija mingħajr l-użu ta' promoturi tat-tkabbir, u l-Istati Uniti ssospendew it-tariffi ta' ritaljazzjoni tagħhom fuq ċerti prodotti tal-Unjoni.

L-aċċess ingħata permezz tal-introduzzjoni ta' kwota tariffarja (TRQ) għal-Laħam taċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja (ir-Regolament (KE) Nru 617/2009). Inizjalment, l-aċċess għas-suq ingħata taħt kwota tariffarja annwali ta' 20 000 tunnellata metrika b'dazju żero għal-laħam taċ-ċanga prodott mingħajr ormoni li jippromwovu t-tkabbir (Laħam taċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja) kif miftiehem fil-MtQ, u din il-kwota żdiedet għal 45 000 tunnellata metrika fl-2013. Biex ikun hemm konformità mar-regoli tad-WTO, dik il-kwota nfetħet ukoll għal pajjiżi eliġibbli oħra.

F'Diċembru 2016, fuq talba tal-industrija tal-laħam taċ-ċanga tal-Istati Uniti li qajmet tħassib dwar l-implimentazzjoni tat-TRQ, l-Istati Uniti ħadu passi biex jerġgħu jdaħħlu t-tariffi ta' ritaljazzjoni fuq il-lista ta' prodotti tal-Unjoni li dwarhom jeżisti t-tilwim. Bil-ħsieb li jevitaw l-introduzzjoni mill-ġdid ta' dazji ogħla fuq ċerti prodotti tal-UE, l-Istati Uniti u l-Unjoni wettqu konsultazzjonijiet rigward it-tħaddim tal-MtQ rivedut li fihom l-Istati Uniti talbu l-allokazzjoni ta' sehem mill-kwota tariffarja.

Is-soluzzjoni miftiehma tinvolvi allokazzjoni gradwali ta' 16 500 tunnellata metrika fit-TRQ miftuħa, skont ir-Regolament (KE) Nru 617/2009, minn fornituri eliġibbli oħra (l-Awstralja, l-Urugwaj u l-Arġentina) għall-Istati Uniti. Id-distribuzzjoni li tirriżulta wara perjodu ta' implimentazzjoni ta' seba' snin għandha tkun kif ġej: 35 000 tunnellata metrika mill-45 000 tunnellata metrika taħt din it-TRQ allokati lill-Istati Uniti u l-10 000 tunnellata metrika li jifdal allokati lill-fornituri eliġibbli l-oħra. Bħala parti min-negozjati u biex tikkonforma mar-rekwiżiti tad-WTO, il-Kummissjoni pruvat tikseb il-qbil tal-pajjiżi fornituri sostanzjali u kisbet il-kunsens bil-miktub tagħhom għall-allokazzjoni ta' sehem fit-TRQ għall-Istati Uniti

fil-forma ta' ittri ta' aċċettazzjoni li waslulha fl-10, fl-20 u fil-31 ta' Mejju 2019.

Ir-rapporteur jipproponi li l-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jirrakkomanda li tingħata l-approvazzjoni għal dan il-Ftehim. Mhu se jkun hemm l-ebda żieda fil-volum globali ta' laħam taċ-ċanga li jidħol fl-Unjoni. L-Istati Uniti se jkollhom sehem akbar mill-kwota eżistenti, li timtela fuq bażi annwali. Il-Ftehim mal-Istati Uniti se jipproteġi l-interessi tal-partijiet ikkonċernati tal-Unjoni kontra t-theddida ta' żieda fid-dazji fuq ċerti prodotti tal-Unjoni. Ir-rapporteur jenfasizza li l-Istati Uniti jistgħu jagħmlu użu sħiħ minn din ir-riallokazzjoni, madankollu l-kwota globali eżistenti ta' 45 000 tunnellata metrika, u l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott ma jinbidlux, u għalhekk ma hemm l-ebda impatt fuq il-provvista tal-laħam taċ-ċanga lejn l-Unjoni. Dan il-ftehim jipprevedi li, ladarba jiġi implimentat b'mod sħiħ, it-tilwima tad-WTO tintemm.

******

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jirrakkomanda l-approvazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar l-Allokazzjoni lill-Istati Uniti ta' Sehem fil-Kwota Tariffarja għal-Laħam taċ-Ċanga ta' Kwalità Għolja msemmija fil-Memorandum ta' Qbil Rivedut Rigward l-Importazzjoni tal-Laħam taċ-Ċanga minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni Tat-Tkabbir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar l-Allokazzjoni ta' Sehem fil-Kwota Tariffarja għall-importazzjonijiet ta' laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja |
| **Referenzi** | 10681/2019 – C9-0107/2019 – 2019/0142(NLE) |
| **Kumitat responsabbli** | INTA |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AGRI<br>16.9.2019 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Herbert Dorfmann<br>18.9.2019 |
| **Eżami fil-kumitat** | 7.10.2019 |
| **Data tal-adozzjoni** | 5.11.2019 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 33<br>–: 7<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-dragoş Benea, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Dino Giarrusso, Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Marlene Mortler, Maria Noichl, Juozas Olekas, Pina Picierno, Sheila Ritchie, Bronis Ropė, Anne Sander, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Atidzhe Alieva-Veli, Franc Bogovič, Anja Hazekamp, Ivo Hristov, Peter Jahr, Petros Kokkalis, Zbigniew Kuźmiuk, Michal Wiezik |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 33 | + |
|---|---|
| ECR | Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Zbigniew Kuźmiuk, Veronika Vrecionová |
| NI | Dino Giarrusso |
| PPE | Álvaro Amaro, Franc Bogovič, Daniel Buda, Herbert Dorfmann, Peter Jahr, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Mairead McGuinness, Marlene Mortler, Anne Sander, Annie Schreijer-Pierik, Michal Wiezik |
| RENEW | Atidzhe Alieva-Veli, Asger Christensen, Dacian Cioloş, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Elsi Katainen, Sheila Ritchie |
| S&D | Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Carmen Avram, Adrian-dragoş Benea, Isabel Carvalhais, Paolo De Castro, Ivo Hristov, Juozas Olekas, Pina Picierno |

| 7 | - |
|---|---|
| GUE/NGL | Lucke Ming Flanagan |
| ID | Ivan David, Gilles Lebreton |
| VERTS/ALE | Francisco Guerreiro, Martin Häusling, Bronis Ropė, Sarah Wiener |

| 3 | 0 |
|---|---|
| GUE/NGL | Anja Hazekamp, Petros Kokkalis |
| S&D | Maria Noichl |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni